# UFFIĊĊJU STAMPA
**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**
Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971


29 ta' Jannar 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 17/2008

## PRESIDENT ĠDID TAL-KUMMISSJONI 'IL-KNISJA F'MALTA U FL-EWROPA'

Il-Konferenza ta' l-Isqfijiet Maltin ħatret lil Monsinjur Joseph Farrugia bħala President tal-Kummissjoni 'Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa'.

Mons. Joseph Farrugia twieled Victoria, Għawdex, fid-19 ta' Frar 1954. Huwa ġie ordnat saċerdot fl-1978. Wara l-ordinazzjoni, mar ikompli jistudja Ruma fejn kiseb Dottorat fit-Teoloġija mill-Università Pontifiċja Gregorjana. Studja wkoll fl-Università tal-Lateran u fl-Istitut għal Studji Arabiċi u Islamiċi.

Fl-1983 sar *lecturer* tat-teoloġija fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex u fl-1988 ingħaqad mal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, fejn jgħallem ukoll dwar l-ekumeniżmu. Ta wkoll korsijiet dwar iċ-ċiviltajiet u r-reliġjonijiet fil-Mediterran. Kien ukoll l-ewwel għalliem li ta *lectures* universitarji f'Għawdex, meta l-Università introduċiet Ċentru f'Għawdex. Fl-1995, huwa beda jikkoordina serje ta' *lectures* pubbliċi dwar l-istorja u l-kultura ta' Għawdex. Hu wkoll l-awtur ta' diversi xogħlijiet f'pubblikazzjonijiet internazzjonali dwar it-teoloġija.

Bejn l-1998 u l-2007, Mons Farrugia kien l-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ f'Victoria. Huwa wkoll il-kofundatur tal-Kor *Laudate Pueri* u tal-*Fondazzjoni Belt Victoria*, u l-Kappillan tal-*Victoria Scouts Group*.

Flimkien mar-rwol ġdid tiegħu ta' President tal-Kummissjoni 'Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa', l-Isqof ta' Għawdex għażel ukoll lil Mons. Farrugia biex ikollu f'idejh ir-responsabbiltà għall-Kultura fid-Djoċesi ta' Għawdex.